MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2476/2002

**Bitmac Limited**

**Vs**

**Pilastri Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1025), bilanc ta' prezz ta xoghol relattiv ghal scarifying u tqeghid ta' ramel f'Hal Lija da parti tas-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, inkluz il-prezz tal-materjal fornit mis-socjeta attrici in konnessjoni mal-istess xoghol.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Massimo Vella in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1025), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**